


Ftit żmien wara ommi qalbet għall-agħar, u mietet! Mal-ewwel qtajnieha li nġorru u mmorru noqogħdu f'dar oħra, iżda s-saħta ta' din id-dar baqgħet magħna sa l-aħħar. Aħna u niżlin it-taraġ biex nitilqu, qisu xi ħadd qabad lin-neputija tiegħi ta' xi tliet snin u waqqagħha t-taraġ. Hi ħabtet rasha mal-ħajt u ntilfet minn sensiha. Aħna ħadnieha għand l-eqreb tabib, u qalilna, ''Għal xagħra ma baqgħetilkomx mejta. Kieku ħabtet rasha nofs pulzier 'il fuq kienet tmut minnufih!'' Illum din it-tifla tgħix l-Awstralja u għandha wieħed u tletin sena. Meta ġiet tgħaddi xi xahar magħna Malta ma riditx tersaq lejn id-dar. Għadha tibża' sal-lum!

Aħna malajr sibna dar oħra u ftit wara qalulna li mara li kienet marret toqgħod fl-istess dar meta tlaqna aħna, kienet mietet ħabta u sabta. Ftit wara koppja miżżewġa marru joqogħdu hemm ukoll. Kollox mar ħarir sakemm il-mara rat raġel b'wiċċ ta' mewt fil-kamra tal-banju, hi u tinħasel. Hi ħarġet għarwiena fit-triq bil-qatgħa li ħadet. M'għandniex xi ngħidu, dik il-familja telqet ukoll mid-dar. Ftit wara nies oħra marru joqogħdu fiha u dejjem konna naraw id-dar mixgħula vampa. B'xorti tajba dawn in-nies għadhom joqogħdu hemm illum u jidhru li qegħdin tajjeb.

Dawk kienu l-ġrajjiet li qaltli ommi. Jien naf li ommi ma kenitx giddieba u ma kenitx tipprova tgħaddini bid-dgħajsa. Għalhekk għadni ma nafx jekk għandix nemmen fl-eħieres jew le. Meta nisma' din il-ġrajja dejjem naħseb bejni u bejn ruħi, ''Ma jistax ikun li kienet allućinazzjoni li tant nies raw raġel b'wiċċ ta' mewt. Kif, kollha kienu giddieba?'' Ma naħsibx li kulħadd jista' jaqla' storja bħal din minn nżiedu. Żgur li kien hemm xi ħaġa mhux tar-soltu f'dik id-dar. Imma min jista' jgħid fis-sew...?

## DID-DGĦAJSA

Did-dgħajsa ma tafhomx ix-xtut u l-ibħra,
u dan ir-riħ m'hu ġej minn ebda naħa,
u dil-bandiera ma taf ebda poplu.
Jekk tirkeb, għad titbiegħed u tintilef
mal-fdalijiet waħxin tal-preistorja.
Jekk tħalli r-riħ idawrek, se tistordi
u tibqa' ddur bħall-kelb li jfittex denbu.
U jekk ixxejjer dil-bandiera, l-ġemgħa
tgħajjatlek traditur u ttik il-forka.

OLIVER FRIGGIERI